IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

National Book Council
Central Public Library
Prof. Joseph J. Mangion Street
Floriana FRN 1800
Malta EU

+356 27131574
joe.debattista@gov.mt

www.ktieb.org.mt

**PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB 2021 – NATIONAL BOOK PRIZE 2021**
**(KOTBA 2020) – (BOOKS 2020)**

**Kriterji – Criteria**

---

# Traduzzjoni

*Kriterji*

**Definizzjonijiet**

Id-definizzjoni ta' *Traduzzjoni* għal fini ta' kompetizzjoni fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb hija:

*interpretazzjoni lingwistika ta' test letterarju b'ġeneru aċċettat u stabbilit universalment, miktub oriġinarjament f'kull ilsien ieħor (li jkun jissejjaħ Lingwa Sors) u maqlub għall-Malti (li jkun jissejjaħ il-Lingwa Mira).*

Il-frażi *Interpretazzjoni lingwistika* tfisser hekk:

*test miġjub tali mod u manjiera li jżomm bilanċ raġjonevoli bejn il-'fedeltà' lejn l-intenzjoni formalistika u kontenutistika tal-awtur* ***u*** *t-test tradott/adattat li jkun fih preġji letterarji intrinsiċi u aċċettati minnhom infushom.*[1]

**Il-kriterji użati biex jiġu ġġudikati testi tradotti b'kontenut letterarju**

It-testi kollha fil-ġeneri aċċettati - **Proża Fittizja** (fosthom in-novelli), **il-Letteratura mhux Fittizja**, **id-Drama**, u **l-Poeżija -** iridu jkunu evalwati skont id-damma ta' kriterji aġġudikattivi hawn taħt. L-applikazzjonijiet ikunu evalwati wara eżaminazzjoni rigoruża kemm tat-Test Sors (u r-relazzjoni tiegħu max-xogħol tradott għall-Malti komplut) u t-Test Mira tradott, skont il-**kwalità tat-traduzzjoni**, b'attenzjoni lejn l-impatt potenzjali tat-Test Sors oriġinali fuq it-Test Mira, u lejn l-esperjenza sfiqa tat-traduttur jew tradutturi.

---

[1] F'dal-każ iż-żwieġ bejn il-'fedeltà' u l-'effettività' ikun ideali. Iż-żewġ skejjel tat-teorija tat-traduzzjoni (dik li temmen b'*les belles infideles* u l-oħra li temmen bil-'ħbieb fidili') għandhom il-virtujiet u l-limitazzjonijiet tagħhom. F'dar-rigward huwa ssuġġerit, għalkemm mhux obbligatorja, li t-traduttur jiddikjara mill-bidu (idealment fil-Kelmtejn ta' Qabel) l-intenzjonijiet tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-bilanċ bejn il-fedeltà testwali u l-kreattività testwali. Xi ħaġa oħra li l-awtur irid isemmi fil-Kelmtejn ta' Qabel hija dwar l-irwoli tal-forma u l-funzjoni (jiġifieri x'inhu mistenni mit-test tradott) , u l-qarrejja mmirati.

| **Is-Sinjifikanza tax-xogħol tradott** | **(24 punt l-aktar)** |
|---|---|
| Fil-kultura sors tiegħu | 12 |
| Fil-kultura mira tiegħu | 12 |

| **L-eżattezza u l-preċiżjoni tat-traduzzjoni (fedeltà lejn l-oriġinal)** | **(38 punt l-aktar)** |
|---|---|
| Iż-żamma tal-kontenut u l-ispirtu tal-oriġinal | 8 |
| Il-preċiżjoni u l-konsistenza tal-lingwaġġ idjomatiku fit-traduzzjoni | 8 |
| L-esperjenza tat-traduttur (il-fehim tas-sens u t-tifsir tal-awtur tal-oriġinali, u l-kuntest storiku, politiku, soċjokulturali, u letterarju li fih issawwar it-test oriġinal; l-għarfien ta' kemm il-lingwa sors u l-lingwa mira | 8 |
| Evidenza ta' qari mill-qrib, kritiku, u kreattiv tat-test oriġinali li twassal għal interpretazzjoni valida, fidila, u nieqsa minn żbalji ovvji (kliem jew frażijiet imħollija kif kienu, bidla fit-tifsir - żgħira jew sinjifikanti - jew tgħawwiġ fit-tifsir, ksur tas-sistema lingwistika, traduzzjoni kreattiva, tgħarbil kulturali) | 8 |
| Żidiet u tnaqqis (kummenti, noti tal-qiegħ/noti tat-tmiem, biblijografija, eċċ.) strumentali għas-sejba ta' tifsir ekwivalenti | 6 |

| **L-istilistika u l-estetika tat-traduzzjoni (l-effettività: it-test fih intrinsikament valuri letterarji aċċettati u merti fih innifsu, li jkunu distinti minn kif japplikaw fil-forma u l-kontenut tal-oriġinal)** | **(38 punt l-aktar)** |
|---|---|
| Vuċi oriġinali u distinta | 14 |
| Il-bidliet żgħar imma essenzjali fil-fehim u l-apprezzament tal-istilistika tad-diskors mill-oriġinal (jiġifieri l-użu tal-lingwa biex jintlaħqu l-effett/i mixtieq/a) | 12 |
| L-imlusija tal-qari | 12 |

Kummenti:

___

___

___

___

IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

National Book Council
Central Public Library
Prof. Joseph J. Mangion Street
Floriana FRN 1800
Malta EU

+356 27131574
joe.debattista@gov.mt

www.ktieb.org.mt

**PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB 2021 – NATIONAL BOOK PRIZE 2021**
**(KOTBA 2020) – (BOOKS 2020)**

**Kriterji - Criteria**

---

# Translation

*Criteria*

**Definitions**

The definition of *Translation* in this context for the purpose of competing for the National Book Prize is the following:

> *a linguistic interpretation of a literary text of universally-accepted literary genres originally written in any language (to be referred to as the Source Language) into Maltese (to be referred to as the Target Language).*

The phrase *Linguistic interpretation* is hereby defined as:

> *a textual rendering where a reasonable balance is kept between 'faithfulness' to the original authorial intention in both content and form,* ***and*** *the translated/ interpreted text incorporating intrinsically accepted literary values in its own right.*[1]

**Criteria used in adjudicating translated texts of literary content**

The texts in all the accepted genres – **Prose Fiction** (including s*hort stories*) and **Non-Fiction**, **Drama** and **Poetry** – are to be evaluated as per the adjudicating criteria listed below. Applications will be evaluated on the basis of a rigorous examination of both the Source Text (and its relation to the finished translated work in Maltese) and the translated Target Text, based on the **quality of the translation**, with an eye to the potential impact of the original Source Text on the Target Text, and to the pertinent experience of the translator or translators.

---

[1] In such cases, the wedding of 'fidelity' and 'effectiveness' is ideal. Both schools of translation theory (the one subscribing to *les belles infideles*, and the other upholding 'the faithful ones') have their virtues and limitations. In this respect, it may be advisable, though not obligatory, for the translator to declare upfront (ideally in the Foreword) his intention regarding his balanced allegiance to text-faithfulness and text-creativity. Another authorial intention to be specifically included in the Foreword by the translator should refer to the roles of form and function (i.e. expected outcome of the translated text), and the target reader/s.

| **Significance of the translated work** | **(24 points max)** |
|---|---|
| In its source culture | 12 |
| In its target culture | 12 |

| **Translation accuracy and precision (faithfulness to original)** | **(38 points max)** |
|---|---|
| Retaining of the content/spirit of the original text | 8 |
| Accuracy and consistency of idiomatic rendering | 8 |
| Translator's experience (understanding of the sense and meaning of the original author and historical, political, socio-cultural & literary context in which the text was produced; knowledge of both source language and target language) | 8 |
| Evidence of close, critical and creative reading of original text leading to valid & faithful interpretation and lack of overt errors (not-translated words or phrases, change in meaning - slight or significant - or distortion of meaning, breach of the language system, creative translation, cultural filtering) | 8 |
| Additions and deletions (comments, footnotes/endnotes, bibliography, etc.) instrumental to finding an equivalence of meaning | 6 |

| **Translation stylistics and aesthetics (effectiveness: text incorporates intrinsically accepted literary values and merits in its own right, as distinct from their adherence to the original form and content)** | **(38 points max)** |
|---|---|
| Distinctive and original voice | 14 |
| Nuanced sense and appreciation of the discourse-stylistics of the original (i.e. use of language for the desired effect/s) | 12 |
| Readability and smoothness | 12 |

Comments:

________________________________________